



European Securities and
Markets Authority

TWISSIJA LILL-INVESTITURI

L-ESMA TWISSI L-INVESTITURI BL- IMNUT DWAR ID-DIFFIKULTAJIET TAL- INVESTIMENT ONLAJN

Messaġġi ewlenin

Oqgħod attent mir-riskji potenzjali involuti fl-investment onlajn

Ara li l-kumpanija tkun awtorizzata.

Oqgħod attent minn wegħdiet ta' profitti għoljin.

Oqgħod attent minn softwer li awtomatikament jiġġenera tranżazzjonijiet għalik.

Agħti attenzjoni speċjali meta tiġi mistoqsi biex tipprovdi d-dettalji tal-karta tal-kreditu tiegħek.





European Securities and
Markets Authority

TWISSIJA LILL-INVESTITURI

Għaliex l-ESMA ħarġet din it-twissija?

The internet is a two-way street

L-internet huwa mezz leġittimu li qiegħed dejjem aktar jintuża minn kumpaniji biex jikkumerċjalizzaw prodotti ta' investiment lill-investituri bl-immnut. Il-kumpaniji jużaw l-internet biex joffru lill-investituri bl-immnut aċċess immedjat lis-sistemi tagħhom.

Dan joffri aċċess ħafif u faċli lil swieq finanzjarji u prodotti permezz ta' diversi tipi ta' pjattaformi ta' negozjar elettroniku onlajn, bħal pereżempju smartphones jew forum oħra ta' negozjar tal-mowbajls.



L-investituri bl-immnut qegħdin ifittxu profitti tajbin

L-użu tal-internet huwa mod ħafif u dirett biex tinvesti flusek:

- Tista' tiġbor l-informazzjoni malajr u bla ħlas;
- Tista' tfaddal xi flus waqt tkun qed tieħu servizz minimu ("no frills");
- Huwa inqas intimidanti li tittratta l-fatti li tkun ġbart inti stess, milli tiddiskuti għażliet ta' investiment ma' konsulent bl-esperjenza.

L-investituri dejjem ifittxu li jagħmlu l-aqwa profitt għal flushom. Il-profitti għoljin huma diffiċli biex jinkisbu malajr u faċilment, partikolarment bħalissa, minħabba r-rati baxxi ta' mgħax, instabbiltà persistenti u livelli baxxi ta' predevibilità ta' żviluppi fis-swieq finanzjarji.

Meta jkunu qed ifittxu profitti għoljin, l-investituri jikkunsidraw prodotti u kumpaniji inqas familjari fuq l-internet.

Madankollu ...

Xi kultant, issir ħafna pressjoni u jintużaw tekniki ta' bejgħ/negozjar aggressivi biex iħajruk tinvesti, jew biex tuża websajts partikolari (pereżempju, permezz tal-użu ta' *offerta speċjali* jew *rigali b'xejn* jew aċċess għal preżentazzjoni lis-sistema offruta).

Il-fatt li tiltaqa' jew tiffirma b'mod fiżiku jista' ma jkunx konvenjenti xi kultant, iżda dan jipproteġik milli tagħmel tranżazzjoni ta' malajr.

Mhux il-kumpaniji kollha li joperaw fuq l-internet għandhom permess biex joffru investimenti – jistgħu jkunu awtorizzati, iżda biex iwettqu biss attivitajiet speċifiċi oħrajn jew jistgħu jkunu qed joperaw ukoll billi jbigħu prodotti riskjużi jew li ma jeżistux b'mod illegali lil dawk li ma jindunawx. <0>

Filwaqt li ħafna minn dawn il-kumpaniji jkunu jidhru serji u ġenwini, dawn jistgħu ma jkunux. Filwaqt li żjara fl-uffiċċju ta' kumpanija u l-interazzjoni fiżika mal-konsulenti jistgħu jkunu ta' għajjnuna biex wieħed jevalwa s-serjetà tal-kumpanija, homepage hija għodda ta' negozju maħluqa faċilment li mhijiex neċessarjament bħar-realtà.

L-ESMA, u l-awtoritajiet fl-Istati Membri, osservaw żieda fl-ilmenti tal-investituri dwar attivitajiet mhux awtorizzati minn kumpaniji fuq l-internet.

Għalkemm ir-regolamenti finanzjarji japplikaw għar-reklamar, mhux ir-reklamar kollu li naraw jikkonforma ma' dan. Pereżempju, jista' jkun hemm ftit informazzjoni dwar l-investitur jew inkella xejn; u xi kultant l-informazzjoni pprovduta tista' tkun qarrieqa.

Ninvestu fis-sigur

Minn xiex għandna noqogħdu attenti?

If Jekk ma jkunx ovvju mill-websajt tal-kumpanija li hi awtorizzata, allura x'aktarx din mhix awtorizzata.

Jekk il-kumpanija tkun tidher li hi awtorizzata, iċċekkja sew l-awtorizzazzjoni tagħha – minħabba li ġew skoperti talbiet foloz minn kumpaniji. Tista' ssib il-listi ta' kumpaniji awtorizzati fuq il-websajts ta' regolaturi nazzjonali.

Ftakar li jekk taħseb li din tidher wisq tajba biex tkun vera, aktarx li jkun hekk.

Reklami jew talbiet onlajn jistgħu jkunu perważivi ħafna. Oqgħod attent minn talbiet li l-investment ikun se jagħmel *profitti inkredibbli* jew li jkollu *vantaġġ kbir*. Talbiet bħal dawn ta' spiss ikunu sinjal ta' investimenti ta' riskju għoli jew frodi potenzjali.

Oqgħod attent mill-użu tat-*termini sigur, protett u garantit*. Kull investment fih xi livell ta' riskju u dan huwa rifless fir-rata ta' profitt li inti tista' tistenna li tirċievi. Jekk il-kumpaniji jużaw dawn it-termini fir-reklamar tagħhom, dawn iridu jispjegaw b'mod ċar x'ifissru. Qis li l-għarfien u l-esperjenza tiegħek fil-qasam tas-swieq finanzjarji jkun biżżejjed biex tifhem b'mod sħiħ l-investment li inti qed tqis f'termini ta' riskji u profitti.

Ifhem l-ispejjeż involuti. Il-kumpaniji għandhom jipprovdok b'informazzjoni adegwata.

Offerti ta' taħriġ jew negozjar ma' 'portafolli virtwali' jintużaw b'mod attiv minn kumpaniji li joffru servizzi ta' investment fuq l-internet u jistgħu wkoll jinkoraġġuk biex tinvesti. Oqgħod attent minn flus 'b'xejn': offerti promozzjonali

bħal '10 % flus lura' u 'sa €500 meta tiftaħ kont' huma eżempji ta' tattiċi li jintużaw biex iħajruk.

Meta tuża pjattaformi onlajn għandek toqgħod attent



dwar kif tuża softwer li awtomatikament jiġġenera tranżazzjoni f'ismek. Tista' titlef il-kontroll fuq kwalunkwe tranżazzjonijiet li

ssir b'dan il-mod.

Għandek tevita li tipprovidi d-dettali tal-karta ta' kreditu tiegħek. Il-kont tiegħek jista' jiġi ddebitat direttament mingħajr il-permess tiegħek u jista' jkun diffiċli ħafna biex iġġib flusek lura.

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet inti tuża l-internet biex tinvesti waħdek (jiġifieri, mingħajr ma tirċievi pariri fuq il-prodott mibjugħ jew offrut lilek mill-kumpanija), il-kumpanija għandu jkollha stadji stabbiliti biex tivverifika l-għarfien u l-esperjenza tiegħek, li jinkludu mistoqsijiet dwar:

- It-tipi ta' servizzi u prodotti li inti familjari magħhom;
- in-natura, il-volum u l-frekwenza tat-tranżazzjonijiet preċedenti tiegħek.

Din il-lista mhijiex eżawrjenti.

L-għan ewlieni ta' dawn l-istadji huwa li jiġu ddeterminati l-għarfien u l-esperjenza tiegħek fil-qasam tal-investment rilevanti għat-tip speċifiku tal-prodott jew is-servizz offrut jew mitlub u biex jiġi ivverifikat jekk inti tifhimx dwar ir-riskji tal-prodott. Dan jippermetti lill-kumpanija tiġġudika jekk il-prodott huwiex adegwat għalik jew le. Il-kumpanija għandha twissik jekk il-prodott ma jkunx adatt għalik u inti għandek tieħu dik it-twissija bis-serjeta'.

Qabel ma tinvesti, huwa importanti li taqra l-materjal kollu dwar il-kummerċjalizzazzjoni u l-kuntratt jew id-dokumenti legali b'attenzjoni u tifhimhom.

Fittex fl-internet għal informazzjoni dwar il-kumpanija li tkun se tinnegozja magħha. L-esperjenza jew is-sejbiet ta' investituri oħrajn, organizzazzjonijiet tal-protezzjoni tal-konsumatur jew l-istampa jistgħu jkunu disponibbli mis-sorsi pubbliċi.

X'tista' tagħmel biex tiproteġi lilek innifsek?

Inti mħeġġeġ li żżomm kopja stampata tat-tranżazzjoni tiegħek onlajn kif ukoll tfittex karatteristiċi ta' sigurtà inkorporati fil-websajts. Dan jiżgura li d-dettalji personali ikunu twettqu f'ambjent sigur.

Dejjem iċċekkja jekk il-kumpanija tkunx awtorizzata f'pajjiżek fuq <http://www.esma.europa.eu/page/Investment-Firms> jew fuq il-websajt tar-regolatur nazzjonali tal-kumpanija.

Jekk kumpanija ma tkunx awtorizzata biex tipprovdi servizzi u attivitajiet ta' investment, mhuwiex permess li tipprovdihom. Huwa wkoll aktar probabbli li ma tikkonformax mar-regoli ta' protezzjoni tal-investitur. Jekk tinnegozja ma' kumpanija li mhix awtorizzata li tipprovdi servizzi u attivitajiet ta' investment dan ifisser li aktarx se titlef flusek irrISPettivament mir-riżultat tat-tranżazzjoni li saret u ma jkollokx aċċess għall-iskemi ta' protezzjoni nazzjonali disponibbli għal investituri li jinnegozjaw ma' entitajiet awtorizzati.

Dejjem issejvja jew stampa l-informazzjoni kollha rilevanti għall-informazzjoni tiegħek stess. Din l-informazzjoni tista' tkun utli wkoll jekk ikollok bżonn tressaq ilment.

Aktar informazzjoni

Jekk ikollok xi mistoqsijiet jew dubji, għandek tikkuntattja lill-awtorità regolatorja ta' pajjiżek. Lista tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kollha u l-websajts tagħhom, hija disponibbli fuq il-websajt tal-EMSA f'<http://www.esma.europa.eu/investor>.